MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 156/2014

Kawza fil-lista: 19

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors tal-attur A B li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

"Illi huwa zzewweg lil C B xebba Chetcuti, nhar l-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u tmenin (1980) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg.

Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom erbat ulied, u cioe ' Kari B, Jacques Etienne, Mikhail-Jean B u Jan A B li huma lkoll maggorenni.

Illi l-esponenti ilu aktar minn erba' snin jghix separatament mill-imsemmija Maria Rita B, u mhemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi l-esponenti m'ghandu l-ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront tal-imsemmija Maria Rita B.

Illi l-anqas ma ghad fadal l-ebda assi fil-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet illi tehtieg illi tigi likwidata.

Illi ghalhekk ir-rekwiziti ta' Artikolu 66B tal-Kodici Civili huma lkoll sodisfatti.

Ghaldaqstant l-esponenti bil-qima jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn l-esponenti u l-imsemmija Maria Rita B, kif dispost mil-ligi, prevja kwalunkwe medjazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tista' tordna bejn iz-zewg partijiet ai termini tal-Artikolu 661 tal-Kodici Civili."

Rat li l-konvenuta giet notifikata fl-24 ta' Settembru 2014 izda ma pprezentatx risposta u ghalhekk tinsab kontumaci f'dawn il-proceduri.

Semghat ix-xhieda tal-attur fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2014.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta tas-26 ta' Novembru 2014.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tad-19 ta' Dicembru 2014.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Mill-provi imressqa mill-attur jirrizulta s-segwenti.

Il-partijiet kienu izzewgu fl-14 ta' Gunju 1980. Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, illum kollha maggorenni. Il-partijiet ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar tnax-il sena u ghalkemm fil-passat il-partijiet kienu bdew proceduri ta' medjazzjoni ma kienux lahqu ftehmu dwar separazzjoni bonarja. Jirrizulta wkoll illi f'xi zmien l-unika assi immobiljari li kellhom kienet villa li eventwalment bieghu. L-attur jghid li mir-rikavat tal-bejgh ma ha xejn.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-konvenuta tissottometti illi t-talba ghax-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet m'ghandiex tintlaqa' peress li skond il-konvenuta "l-attur qatt ma ghadda manteniment lil uliedu fiz-zmien meta huma kienu minorenni b'dan illi meta telaq il-fond matrimonjali it-tfal kellhom 23, 22, 15 u 10 u kienet l-intimata li dejjem pprovdiet ghal kull bzonn li huma qatt kellhom fit-trobbija taghhom."

Raguni ohra ghaliex skond il-konvenuta it-talba attrici m'ghandiex tintlaqa' hi li iben il-partijiet, A B li llum ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena, huwa student full-time.

Wara digriet moghti minn din il-Qorti fil-5 ta' Gunju 2014, inbdew proceduri ta' medjazzjoni li jgibu n-numru 1087/14 liema proceduri ghadhom pendenti.

Ikkunsidrat;

**Il-Ligi.**

**Artikolu 66B tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"**66B.** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) "fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) "ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) "il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*"Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*"Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

**Artikolu 66D (5) tal-Kodici Civili**:-

*(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu u biss fejn il-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata tkun waqfet, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull każ, bi qbil bejniethom, jgħaddu għad-divorzju mingħajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom.*

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

L-Artikolu 66D (5) tal-Kap.16 appena citat huwa car. F'kazijiet fejn talba ghal divorzju ma tkunx preceduta minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew minn sentenza ta' separazzjoni personali li tittermina u tillikwida l-assi tal-komunjoni, l-Qorti tista' biss titratta u tiddeciedi talba ghal divorzju;

1) Jekk it-talba ssir miz-zewg konjugi flimkien,

u

2) Jekk il-komunjoni tal-akkwisti tkun gia' waqfet.

Fil-kaz odjern huwa pacifiku li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghadha ma gietx terminata u li t-talba ghad-divorzju ma hiex qed issir miz-zewg konjugi flimkien.

Fic-cirkostanzi l-kawza odjerna ma tistax tipprosegwi peress li jehtieg li t-talba ghad-divorzju titressaq flimkien ma' talba ghat-terminazzjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Huwa evidenti illi l-iskop tal-Legislatur kien li f'kawza ta' divorzju mhux preceduta minn separazzjoni konsenswali jew sentenza ta' separazzjoni personali, japplikaw id-disposizzjonijiet li jipprovdu numru ta' kawteli lill-konjugi f'litigju matrimonjali.

Il-Qorti ghalhekk hija prekluza milli titratta talba ghal divorzju mhux precedut minn separazzjoni legali jekk il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ghadha fis-sehh u t-talba ma ssirx miz-zewg konjugi flimkien.

Ostakolu iehor ghall-prosegwiment tal-kawza huwa l-fatt illi l-attur naqas milli jottempera ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Ligi Sussidjara 12.20 li tistipula illi sabiex konjugi jipprocedi b'kawza ta' divorzju mhux precedut minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew sentenza ta' separazzjoni jehtieg li jintavola rikors ghall-medjazzjoni u jipprocedi biss jekk jigi hekk awtorizzat mill-Qorti.[1]

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi r-rikors qed jigi michud.

Minhabba n-novita' ta' certi aspetti tal-vertenza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

[1] Regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 12.20

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------